Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2024/2127(INI)

19.11.2025

EMENDI
216 - 417

Abbozz ta' rapport
Isabella Lövin
(PE778.399v01-00)

Il-pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku u t-triq 'il quddiem
(2024/2127(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 216
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jappella għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku li wasslu għal snin ta' sajd eċċessiv mhux identifikat; iħeġġeġ lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ta' mill-anqas 50 % taħt l-F_{MSY} għall-istokkijiet kollha li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 217
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***Jappella għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku li wasslu għal snin ta' sajd eċċessiv mhux identifikat;*** iħeġġeġ lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***ta' mill-anqas 50 % taħt l-MSY*** għall-istokkijiet kollha li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku;	3. Iħeġġeġ lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***fil-livell aktar baxx tal-meded tal-F_{MSY}*** għall-istokkijiet kollha li ***hemm riskju li*** jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku;

Or. en

Emenda 218
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jappella għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku li wasslu għal ***snin ta'*** sajd eċċessiv ***mhux identifikat***; iħeġġeġ lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ta' mill-anqas 50 % taħt l-MSY għall-istokkijiet kollha li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku;	3. Jappella għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku***, sopravalutazzjonijiet li rriskjaw deċiżjonijiet tat-TACs ottimisti żżejjed*** li ***fil-prattika*** wasslu għal sajd eċċessiv; iħeġġeġ***, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tipproponi u*** lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ta' mill-anqas 50 % taħt l-MSY għall-istokkijiet kollha li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku***, bħala riżerva ta' prekawzjoni***;

Or. en

Emenda 219
Asger Christensen, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jappella ***għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal*** sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività ***reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku li wasslu għal snin ta' sajd eċċessiv mhux identifikat; iħeġġeġ*** lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***ta' mill-anqas 50 % taħt l-MSY għall-istokkijiet kollha li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati fir-Regolament dwar l-MAP tal-***	3. Jappella ***għat-titjib tal-parir xjentifiku biex tiġi evitata*** sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività***, u sussegwentement twassal għal limiti ta' qbid mhux xierqa u inċertezza kummerċjali***; ***jistieden*** lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***f'konformità mal-livelli MSY***;

Baltiku;

Or. en

Emenda 220
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jappella ***għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal*** sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività ***reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira*** tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku ***li wasslu għal snin ta' sajd eċċessiv mhux identifikat***; ***iħeġġeġ*** lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***ta' mill-anqas 50 % taħt l-MSY għall-istokkijiet kollha li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku***;	3. Jappella ***għat-titjib tal-parir xjentifiku sabiex tiġi evitata*** sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku; ***jistieden*** lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***f'konformità mal-livelli MSY filwaqt li jintegra bis-sħiħ il-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi***;

Or. en

Emenda 221
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jappella għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku li wasslu għal snin ta' sajd eċċessiv mhux identifikat; iħeġġeġ lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***ta' mill-anqas 50 % taħt l-MSY*** għall-istokkijiet kollha ***li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati***	3. Jappella għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku li wasslu għal snin ta' sajd eċċessiv mhux identifikat; iħeġġeġ lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, u jiżgura s-sostenibbiltà filwaqt li jżomm il-vijabbiltà***

fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku;	***soċjoekonomika, u jiddefinixxi miżuri ta' adattament pjuttost milli tnaqqis uniformi ta' 50 % taħt l-FMSY*** għall-istokkijiet kollha;

Or. en

Emenda 222
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jappella ***għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal*** sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività ***reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku li wasslu għal snin ta' sajd eċċessiv mhux identifikat***; ***iħeġġeġ*** lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***ta' mill-anqas 50 % taħt l-MSY għall-istokkijiet kollha li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku***;	3. Jappella ***għat-titjib tal-parir xjentifiku biex tiġi evitata*** soprvalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività***, li sussegwentement twassal għal limiti ta' qbid mhux xierqa u inċertezza kummerċjali***; ***jistieden*** lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***f'konformità mal-livelli MSY filwaqt li jintegra bis-sħiħ il-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi***;

Or. en

Emenda 223
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jappella ***għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi ta' prekawzjoni bħala rispons għal*** sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività ***reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku li wasslu għal snin ta' sajd eċċessiv mhux identifikat***; ***iħeġġeġ***	3. Jappella ***għat-titjib tal-parir xjentifiku biex tiġi evitata*** soprvalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività***, li sussegwentement twassal għal limiti ta' qbid mhux xierqa u inċertezza kummerċjali***; ***jistieden*** lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***f'konformità mal-livelli***

lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***ta' mill-anqas 50 % taħt l-MSY għall-istokkijiet kollha li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar indikati fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku***;	***MSY filwaqt li jintegra bis-sħiħ il-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi***;

Or. en

Emenda 224
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***Jappella għall-implimentazzjoni urġenti ta' riżervi*** ta' prekawzjoni ***bħala rispons għal sopravalutazzjoni tad-daqs tal-istokk u l-produttività reċenti, ripetuta u strutturali tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku li wasslu għal snin ta' sajd eċċessiv mhux identifikat***; iħeġġeġ lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***ta' mill-anqas 50 % taħt l-MSY*** għall-istokkijiet kollha li jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar ***indikati*** fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku;	3. ***Jistieden lill-Kunsill jadotta TACs li huma allinjati mal-approċċ*** ta' prekawzjoni, ***filwaqt li jqis il-vulnerabbiltà tal-ekosistemi tal-Baħar Baltiku, il-fatturi soċjoekonomiċi, u r-rati bil-mod tal-irkupru tal-istokkijiet***; iħeġġeġ lill-Kunsill jistabbilixxi TACs ***fil-livell aktar baxx tal-meded tal-F_{MSY}*** għall-istokkijiet kollha li ***hemm riskju li*** jaqgħu taħt il-livelli ta' skattar ***definiti*** fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku;

Or. en

Emenda 225
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***3a. Jirrimarka li l-istabbiliment ta' kwoti tas-sajd għal perjodu ta' sena jagħmilha diffiċli biex jiġu ppjanati u mwettqa attivitajiet kummerċjali fis-settur tas-sajd u biex tinġabar data dwar bidliet fid-daqsijiet tal-istokk; jisħaq li kwoti**

pluriennali jistgħu jagħtu lin-natura żmien biex tirkupra u jipprovdu lin-negozji bl-istabbiltà li jeħtieġu biex jippjanaw l-investimenti u jżommu l-impjiegi u l-infrastruttura tal-port; jirrimarka li l-istabbiliment ta' kwoti tas-sajd għandu jqis mhux biss l-objettivi ambjentali, iżda anke r-realtajiet soċjoekonomiċi ta' komunitajiet kostali li għalihom is-sajd huwa l-bażi tal-iżvilupp lokali, l-impjiegi u setturi relatati, inkluż it-turiżmu;

Or. pl

Emenda 226
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jisħaq li ma għandu jiġi żviluppat l-ebda pjan ta' ġestjoni, strateġija ta' rkupru tal-istokk jew miżura għall-protezzjoni tal-ambjent marin mingħajr ma l-ewwel jiġu kkonsultati s-sajjieda u l-organizzazzjonijiet tagħhom b'mod sinifikattiv u sistematiku, kif ukoll il-komunitajiet xjentifiċi nazzjonali, li għandhom ħafna snin ta' għarfien prattiku dwar l-istat tal-ekosistemi marini u jirriflettu aħjar ir-realtà mill-analiżijiet prodotti b'mod iżolat mill-prattika mill-amministrazzjonijiet jew mill-organizzazzjonijiet internazzjonali;

Or. pl

Emenda 227
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 228
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 229
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 230
Asger Christensen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 231
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ***jikkunsidraw li jniedu miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-***	4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni***, filwaqt li jqisu l-fatt li ma ntlaħqux l-objettivi ekoloġiċi u***

Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq ***tal-maġġoranza*** tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni;	***soċjoekonomiċi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, iħejju*** azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq tal-attivitajiet tas-sajd ***rilevanti***, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni; ***jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw tali azzjonijiet meħtieġa permezz tal-għodod disponibbli għalihom bħall-miżuri fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku jew l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-PKS;***

Or. en

Emenda 232
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS ***u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni***;	4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS***, kull meta l-aħjar parir xjentifiku disponibbli jindika l-ħtieġa ta' tali miżuri***;

Or. en

Emenda 233
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri	4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri

ta’ emerġenza f’konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS ***u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta’ azzjoni***;	ta’ emerġenza f’konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS***, kull meta l-aħjar parir xjentifiku disponibbli jindika l-ħtieġa ta’ tali miżuri***;
	Or. en

Emenda 234
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta’ emerġenza f’konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq ***tal-maġġoranza*** tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet ***futuri*** tan-nuqqas ta’ azzjoni;	4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta’ emerġenza f’konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq ***tas-sajd u*** tal-attivitajiet tas-sajd ***rikreattiv***, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa***, l-impatt fuq l-ekonomija lokali usa’ marbuta mas-sajd rikreattiv,*** u l-kostijiet tan-nuqqas ta’ azzjoni;
	Or. en

Emenda 235
Sofie Eriksson, André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta’ emerġenza f’konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-	4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ta’ emerġenza f’konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju azzjoni malajr billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-

għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni;	għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd ***inkluż is-sajd rikreattiv***, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni;

Or. en

Emenda 236
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri ***ta' emerġenza*** f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju ***azzjoni malajr*** billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni;	4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jniedu miżuri f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-PKS u jħejju ***pariri*** billi janalizzaw l-kostijiet u l-benefiċċji tal-għeluq tal-maġġoranza tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jinnotaw id-dħul, l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel mitlufa u l-kostijiet futuri tan-nuqqas ta' azzjoni;

Or. en

Emenda 237
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jitlob pawża għall-irkupru immedjata għas-sajd industrijali fuq skala kbira mmirat lejn l-aringa u l-laċċa kaħla fil-Baħar Baltiku sakemm l-evidenza xjentifika turi rkupru ċar u sostnut tal-istokkijiet; jisħaq li tali pawża hija meħtieġa biex tiġi pprevenuta l-ħsara ekoloġika irreversibbli u biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tas-sajd kostali u fuq

skala żgħira;

Or. en

Emenda 238
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji lista ta' miżuri ta' rimedju ulterjuri, kif indikat fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, li jistgħu jiġu applikati abbażi ta' dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni eżistenti biex jinkiseb irkupru tal-istokkijiet li bħalissa jinsabu f'livelli kritiċi fil-Baħar Baltiku;	***imħassar***

Or. en

Emenda 239
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni ***tħejji lista ta'*** miżuri ta' rimedju ulterjuri***, kif indikat fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, li jistgħu jiġu applikati abbażi ta' dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni eżistenti biex*** jinkiseb irkupru tal-istokkijiet li ***bħalissa jinsabu*** f'livelli kritiċi ***fil-Baħar Baltiku***;	5. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jħejju, jipproponu, jadottaw u jimplimentaw*** miżuri ta' rimedju ulterjuri***, f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, sabiex*** jinkiseb irkupru tal-istokkijiet li ***jaqgħu taħt il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 5, li jikkostitwixxi li dawn ikunu*** f'livelli kritiċi;

Or. en

Emenda 240
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji lista ta' miżuri ta' rimedju ulterjuri, kif indikat fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, li jistgħu jiġu applikati abbażi ta' dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni eżistenti biex jinkiseb irkupru tal-istokkijiet ***li bħalissa jinsabu f'livelli kritiċi*** fil-Baħar Baltiku;	5. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji lista ta' miżuri ta' rimedju ulterjuri, kif indikat fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, li jistgħu jiġu applikati abbażi ta' dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni eżistenti biex jinkiseb irkupru tal-istokkijiet fil-Baħar Baltiku ***u li jridu jkunu ġġustifikati bis-sħiħ mix-xjenza fuq bażi ta' każ b'każ***;

Or. en

Emenda 241
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji lista ta' miżuri ta' rimedju ulterjuri***, kif indikat fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, li jistgħu jiġu applikati abbażi ta' dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni eżistenti biex jinkiseb irkupru tal-istokkijiet li bħalissa jinsabu f'livelli kritiċi fil-Baħar Baltiku***;	5. ***Jappoġġja l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' rimedju addizzjonali u mmirati taħt il-PKS u d-dispożizzjonijiet tal-MAP tal-Baltiku eżistenti li jistgħu jiffaċilitaw l-irkupru tal-istokk filwaqt li jinżammu opportunitajiet tas-sajd vijabbli;*** jistieden lill-Kummissjoni tħejji lista ta' miżuri ta' rimedju ulterjuri ***potenzjali***;

Or. en

Emenda 242
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa mekkaniżmi biex tibbilanċja l-ġestjoni tar-restrizzjonijiet tas-sajd mal-ħtiġijiet tas-suq, inkluż permezz tat-trasferimenti flessibbli tal-kwoti, l-appoġġ għall-ħżin tal-ħut u l-attivazzjoni ta' riżervi ta' emerġenza skont il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd;

Or. pl

Emenda 243
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa, f'kooperazzjoni ma' HELCOM, mapep tar-riskji ambjentali li jkopru żoni partikolarment vulnerabbli għall-ewtrofikazzjoni, l-anossija u s-sedimenti tal-qiegħ tossiċi, li għandhom jingħataw prijorità meta jiġu stabbiliti żoni protetti u perjodi possibbli tal-għeluq tas-sajd;

Or. pl

Emenda 244
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju jridu jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq li	***imħassar***

jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura;

Or. en

Emenda 245
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li ***tali*** miżuri ta' rimedju jridu jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, ***kif ukoll*** żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir***, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi*** dwar ir-restawr tan-natura;	6. Jenfasizza li miżuri ta' rimedju ***effettivi*** jridu jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq ***temporanju tas-sajd*** li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, ***meta l-ħut jakkumula fir-riżervi tal-enerġija u jipprepara biex jirriproduċi; jirrimarka li l-protezzjoni ta'*** żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir ***hija kruċjali biex jinżammu reklutaġġ stabbli u struttura ta' età b'saħħitha fost il-popolazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament*** dwar ir-Restawr tan-Natura***, f'konsultazzjoni mal-komunità tas-sajd, regoli komuni għall-istabbiliment ta' tali żoni, abbażi tal-għarfien xjentifiku u kundizzjonijiet ekoloġiċi lokali***;

Or. pl

Emenda 246
Proposta għal regolament

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju jridu ***jinkludu l-ħolqien*** ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir***, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura***;	6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju jridu ***jkunu effettivi kemm jista' jkun sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-irkupru speċifiku għall-ispeċijiet; jenfasizza f'dan ir-rigward l-effettività tal-ħolqien*** ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir; ***jenfasizza l-importanza li tali miżuri jkunu akkumpanjati minn kumpens xieraq***;

Or. en

Emenda 247
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju jridu jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir, ***allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura***;	6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju jridu jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir, ***li għandhom jiġu ddeterminati f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati lokali, filwaqt li tiġi żgurata l-flessibbiltà u jitqiesu l-impatti soċjoekonomiċi***;

Or. en

Emenda 248
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju jridu jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura;	6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju jridu jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, kif ukoll ***miżuri ta' restawr passivi u attivi bħar-restawr ta'*** żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura;

Or. en

Emenda 249
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju ***jridu*** jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq ***li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura***;	6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju ***jistgħu*** jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq ***taż-żoni, li dejjem iridu jkunu ġġustifikati bis-shih mix-xjenza fuq bażi ta' każ b'każ***;

Or. en

Emenda 250
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li ***tali miżuri ta' rimedju jridu jinkludu*** l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq ***li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni, kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir***, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura;	6. Jenfasizza li l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut ***ulterjuri*** u għeluq ***taż-żoni***, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura***, iridu jkunu ġġustifikati bis-shih mix-xjenza fuq bażi ta' każ b'każ***;

dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura;

Or. en

Emenda 251
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju jridu jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u għeluq ***li jiffoka fuq żoni ta' aggregazzjoni tax-xitwa u ta' qabel ir-riproduzzjoni,*** kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura;	6. Jenfasizza li tali miżuri ta' rimedju jridu jinkludu l-ħolqien ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u ***għeluq*** kif ukoll żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir, allinjati mad-dispożizzjonijiet fil-liġi dwar ir-restawr tan-natura***, u jridu jkunu ġġustifikati bis-sħiħ mix-xjenza fuq bażi ta' każ b'każ***;

Or. en

Emenda 252
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinkoraġġixxi d-dežinjazzjoni ta' żoni marini protetti addizzjonali fejn il-valutazzjonijiet xjentifiċi juru ħabitats kritiċi jew żoni ta' riproduzzjoni, flimkien ma' proġetti pilota għal irkaptu tas-sajd selettiv u b'impatt baxx ispirat minn inizjattivi b'suċċess fil-Baħar tat-Tramuntana u fi Skagerrak;

Or. en

Emenda 253
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem b'ħatt l-art limitat***, li jippermetti li dan is-sajd jopera*** matul ***il-fażijiet*** tal-bini mill-ġdid***, u b'hekk tiġi appoġġjata*** tranżizzjoni ġusta lejn flotta ***tas-sajd*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ***u*** b'impatt baxx;	7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem b'ħatt l-art limitat ***u kkontrollat*** matul ***il-perjodu*** tal-bini mill-ġdid ***tal-istokk; jisħaq li dan is-sajd huwa kruċjali għas-sigurtà tal-ikel, filwaqt li jżomm ktajjen tal-provvista tradizzjonali u jippreżerva l-impjiegi fil-komunitajiet tas-sajd kostali; jirrimarka li t-tisħiħ tas-sajd għall-konsum, għall-kuntrarju tas-sajd industrijali, jippromwovi*** tranżizzjoni ġusta lejn flotta b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***,*** b'impatt baxx ***u b'valur miżjud akbar għall-ekonomiji lokali***;

Or. pl

Emenda 254
Emma Wiesner, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem ***b'ħatt l-art limitat***, li jippermetti li dan is-sajd jopera matul il-fażijiet tal-bini mill-ġdid, u b'hekk tiġi appoġġjata tranżizzjoni ġusta ***lejn flotta tas-sajd b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'impatt baxx***;	7. Ifakkar lill-Kummissjoni ***u lill-Kunsill*** dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem ***u speċjalment is-sajd fuq skala żgħira, kif ukoll prattiki ta' sajd mill-art selettivi***, li jippermetti li dan is-sajd jopera***, b'ħatt l-art limitat,*** matul il-fażijiet tal-bini mill-ġdid, u b'hekk tiġi appoġġjata tranżizzjoni ġusta ***matul il-fażi tal-irkupru u l-bini mill-ġdid***; ***jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-possibbiltajiet għall-Istati Membri li jagħtu prijorità lis-sajd fuq skala żgħira matul l-allokazzjonijiet tal-kwoti***

nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 17 tal-PKS;

Or. en

Emenda 255
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem ***b'ħatt l-art limitat***, li jippermetti li dan is-sajd jopera matul il-fażijiet tal-bini mill-ġdid, u b'hekk ***tiġi appoġġjata*** tranżizzjoni ġusta lejn ***flotta tas-sajd*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'impatt baxx;	7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem ***b'impatt baxx u s-sajd rikreattiv***, ***u*** li jippermetti li dan is-sajd jopera matul il-fażijiet tal-bini mill-ġdid ***b'ħatt l-art limitat***, u b'hekk ***jiġu appoġġjati xprunaturi b'saħħithom tal-ekonomiji lokali u*** tranżizzjoni ġusta lejn ***sajd*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'impatt baxx ***li jsostni l-istokkijiet u l-ekosistemi b'saħħithom fit-tul***;

Or. en

Emenda 256
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem ***b'ħatt l-art limitat***, li jippermetti li dan is-sajd jopera matul il-fażijiet tal-bini mill-ġdid***, u b'hekk tiġi appoġġjata tranżizzjoni ġusta lejn flotta tas-sajd b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'impatt baxx***;	7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem, li jippermetti li dan is-sajd jopera matul il-fażijiet tal-bini mill-ġdid;

Or. en

Emenda 257
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem ***b'ħatt l-art limitat***, li jippermetti li dan is-sajd jopera ***matul il-fażijiet tal-bini*** mill-ġdid***, u b'hekk tiġi appoġġjata tranżizzjoni ġusta lejn flotta tas-sajd b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'impatt baxx***;	7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd għall-konsum mill-bniedem, li jippermetti li dan is-sajd jopera ***filwaqt li jinbnew*** mill-ġdid ***l-istokkijiet tal-ħut***;

Or. en

Emenda 258
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat is-sajd*** għall-konsum mill-bniedem ***b'ħatt l-art limitat, li jippermetti li dan is-sajd jopera*** matul il-fażijiet tal-bini mill-ġdid***, u b'hekk tiġi appoġġjata tranżizzjoni ġusta lejn flotta tas-sajd b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'impatt baxx***;	7. ***Jenfasizza l-importanza li jinżamm sajd fuq skala żgħira u*** għall-konsum mill-bniedem matul il-fażijiet tal-bini mill-ġdid***, minħabba l-valur soċjali u kulturali tagħhom u jinkoraġġixxi miżuri li jappoġġjaw il-vijabbiltà ekonomika tagħhom u t-tranżizzjoni gradwali lejn aktar prattiki effiċjenti fl-użu tal-ffuwil***;

Or. en

Emenda 259
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jitlob li jiġu adottati mekkaniżmi ta' mitigazzjoni soċjoekonomiċi għall-komunitajiet tas-sajd affettwati, inklużi appoġġ finanzjarju, skemi ta' waqfien temporanju flessibbli, sistemi ta' kumpens u assistenza għat-tranżizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'konformità mal-Patt Ewropew għall-Oċeani u l-Boxxla għall-Kompetittività, jiddedikaw finanzjament adegwat biex itejbu l-kompetittività sostenibbli tar-reġjun tal-Baħar Baltiku billi jrawmu l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tas-settur tas-sajd, filwaqt li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jsaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera;

Or. en

Emenda 260
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-irkupru soċjoekonomiku tas-sajjieda kostali fuq skala żgħira billi jintroduċu appoġġ immirat fil-FEMS, inklużi programmi ta' għajnuna temporanja, investimenti f'irkaptu selettiv u b'impatt baxx, u miżuri li jiżguraw aċċess ġust għall-opportunitajiet tas-sajd fiż-żoni kostali riżervati għall-operaturi fuq skala żgħira; ifakkar f'dan ir-rigward fl-importanza ta' tali finanzjament f'fond dedikat fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss 2028-2034;

Or. fr

Emenda 261
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jesprimi tħassib dwar it-tnaqqis kontinwu tal-flotta, filwaqt li jinnota li fl-2022 il-flotot tal-Istati Membri li joperaw fil-Baħar Baltiku ammontaw b'mod kollettiv għal madwar 4 831 bastiment attiv, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 5 % meta mqabbla mal-2021 u 15 % meta mqabbla mal-medja fit-tul; iħeġġeġ li jiġu adottati mekkaniżmi ta' mitigazzjoni soċjoekonomiċi għall-komunitajiet tas-sajd affettwati, inklużi appoġġ finanzjarju, skemi ta' waqfien temporanju flessibbli, skemi ta' kumpens u assistenza għat-tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 262
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-irkupru soċjoekonomiku tas-sajd kostali fuq skala żgħira billi jintroduċu appoġġ immirat taħt il-FEMSA, inklużi skemi ta' għajnuna temporanja, investiment f'irkaptu selettiv u b'impatt baxx, u miżuri maħsuba biex jiżguraw aċċess ġust għall-opportunitajiet tas-sajd fiż-żoni kostali riżervati għall-operaturi fuq skala żgħira;

Or. en

Emenda 263
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jappella għall-adozzjoni ta' mekkaniżmi ta' appoġġ komprensivi għall-komunitajiet tas-sajd affettwati minn restrizzjonijiet fuq is-sajd, inklużi għajnuna finanzjarja ta' tranżizzjoni, programmi flessibbli ta' sospensjoni temporanja tas-sajd, u skemi ta' kumpens u ta' appoġġ tat-tranżizzjoni li jippermettu li l-impjiegi jiġu ppreżervati u li l-ekonomiji kostali lokali jinbnew mill-ġdid;

Or. pl

Emenda 264
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Istati Membri jtemmu l-prattika illegali tar-rimi u jtejbu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-obbligu ta' ħatt l-art billi jintroduċu Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod obbligatorju bis-CCTV fuq is-sajd kollu bil-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ f'Kattegat u fil-Baħar Baltiku;

Or. en

Emenda 265
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja l-importanza tas-sostenibbiltà soċjoekonomika fis-sajd tal-Baħar Baltiku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex tgħin ħalli jiġi żgurat settur tas-sajd li jagħmel il-qligħ li jista' jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tal-UE;

Or. en

Emenda 266
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja l-importanza tas-sostenibbiltà soċjoekonomika fis-sajd tal-Baħar Baltiku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex tgħin ħalli jiġi żgurat settur tas-sajd li jagħmel il-qligħ li jista' jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tal-UE;

Or. en

Emenda 267
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7a. Jappella għall-implimentazzjoni sħiħa u malajr tad-Direttiva dwar in-Nitrati biex jiġi żgurat li l-iskular agrikolu ma jħallix impatt negattiv ulterjuri fuq il-baċir tal-Baħar Baltiku u ilmijiet oħra tal-UE;

Or. en

Emenda 268
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jikkundanna l-isfruttament irresponsabbli, mhux sostenibbli u mhux xjentifiku tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku mir-Russja;

Or. en

Emenda 269
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Patt għall-Oċeani u l-Boxxla għall-Kompetittività tirrikjedi li l-appoġġ finanzjarju jiġi mmirat lejn l-iżvilupp tal-ekonomija marittima tar-reġjun tal-Baħar Baltiku permezz tal-investiment fl-innovazzjoni, fid-diġitalizzazzjoni u fil-modernizzazzjoni tas-settur tas-sajd; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u li tiġi promossa l-kooperazzjoni transfruntiera sabiex jiżdiedu r-reżiljenza u l-kompetittività sostenibbli tas-settur;

Or. pl

Emenda 270
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'konformità mal-Patt Ewropew għall-Oċeani u l-Boxxla għall-Kompetittività, jallokaw finanzjament adegwat biex itejbu l-kompetittività sostenibbli tar-reġjun tal-Baħar Baltiku billi jrawmu l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tas-settur tas-sajd, filwaqt li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jsaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera;

Or. en

Emenda 271
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-MAP tal-Baħar Baltiku jinkorpora kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi flimkien ma' objettivi ambjentali; jissottolinja li l-MAP għandu jadotta approċċ aktar ibbilanċjat, li jagħmel enfasi mhux biss fuq il-konservazzjoni u l-miri tal-MSY, iżda wkoll fuq is-sostenibbiltà ekonomika u soċjali tal-komunitajiet kostali li jiddependu mis-sajd;

Or. en

Emenda 272
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallinjaw il-politiki tal-Baħar Baltiku mal-Boxxla għall-Kompetittività, filwaqt li jagħtu prijorità lill-innovazzjoni, lid-dekarbonizzazzjoni, u jnaqqsu l-piż amministrattiv, u fl-istess ħin jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet u jiżguraw koordinazzjoni aħjar fil-politiki kollha biex jissaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tar-reġjun tal-Baħar Baltiku;

Or. en

Emenda 273
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jenfasizza li s-sajd fuq skala żgħira jaqdi rwol kruċjali fiż-żamma tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel lokali u l-wirt kulturali fil-komunitajiet kostali Baltiċi; jappella għal reviżjoni tal-allokazzjonijiet tal-kwoti nazzjonali skont l-Artikolu 17 tal-PKS biex jiġi ppremjat is-sajd b'impatt baxx immirat lejn il-konsum mill-bniedem;

Or. en

Emenda 274

Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jqisu l-azzjonijiet unilaterali tal-Federazzjoni Russa meta jistabbilixxu l-kwoti għall-Baħar Baltiku, u jistieden ukoll lill-Kummissjoni tikkunsidra azzjonijiet immirati biex jagħmlu pressjoni fuq ir-Russja ħalli ġġib il-kwoti f'konformità mal-parir xjentifiku;

Or. en

Emenda 275
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jitlob azzjonijiet aktar b'saħħithom mill-Kummissjoni, inkluż azzjonijiet legali, f'każijiet li fihom l-Istati Membri jinjoraw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-MAP tal-Baltiku, pereżempju l-Artikoli 3.3, 4.6 u 5;

Or. en

Emenda 276
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Istati Membri

jimplimentaw miżuri maħsuba biex jipproteġu u jirrestawraw iż-żoni ta' riproduzzjoni u l-ħabitats tat-tkabbir;

Or. en

Emenda 277
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw Pakkett għas-Sajd Kostali tal-Baħar Baltiku biex isaħħu r-reżiljenza u l-vijabbiltà ekonomika tas-sajd fuq skala żgħira u b'impatt baxx, inklużi ż-żoni kostali riżervati, il-finanzjament iddedikat għall-innovazzjoni tal-irkaptu selettiv u l-aċċess preferenzjali għall-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti li jħottu l-art qabdiet għall-konsum mill-bniedem;

Or. en

Emenda 278
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jesprimi tħassib dwar it-tnaqqis kontinwu fl-għadd ta' bastimenti tas-sajd attivi fil-Baħar Baltiku[4a] u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' appoġġ soċjoekonomiku urġenti għall-komunitajiet affettwati, inklużi għajnuna finanzjarja, kumpens u assistenza għat-tranżizzjoni lejn prattiki tas-sajd sostenibbli;

4a

https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2025/767190/EPRS_BRI(2025)767190_EN.pdf

Or. en

Emenda 279
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Ifakkar li, skont riċerka attwali, parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti jipprovdu kenn għal ħafna speċijiet tal-ħut u għandhom impatt pożittiv fuq il-bijodiversità u l-iżvilupp tal-katina alimentari;

Or. pl

Emenda 280
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jenfasizza r-rwol ta' skrutinju meħtieġ mill-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sajd lejn id-deċiżjonijiet tal-Kunsill;

Or. en

Emenda 281

Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora aktar miżuri għall-ġlieda kontra l-flotta mistura tar-Russja, b'mod speċjali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku;

Or. en

Emenda 282
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'konformità mal-objettivi tal-Boxxla għall-Kompetittività, itejbu l-kompetittività sostenibbli tas-settur tas-sajd tal-Baħar Baltiku billi jrawmu l-innovazzjoni, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera biex tiġi żgurata r-reżiljenza tas-settur fid-dawl tal-isfidi ekoloġiċi u tas-suq; jissottolinja l-importanza li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà soċjoekonomika fit-tul tal-komunitajiet kostali;

Or. en

Emenda 283
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jitlob miżuri ambizzjużi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament effettiv biex jiġu evitati r-riskji u l-kostijiet dejjem akbar ta' azzjoni mdewma;

Or. en

Emenda 284
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7e. Jenfasizza r-rwol tal-Patt Ewropew għall-Oċeani biex titrawwem ekonomija blu sostenibbli fil-Baħar Baltiku, b'azzjonijiet immirati biex jiġu restawrati l-istokkijiet tal-ħut u jitnaqqsu l-pressjonijiet ambjentali; jenfasizza l-ħtieġa ta' politiki li jiżguraw li r-reġjun Baltiku jista' jagħmel tranżizzjoni lejn ekonomija blu reżiljenti u kompetittiva li tappoġġja kemm l-għanijiet ambjentali kif ukoll il-benesseri soċjoekonomiku tal-popolazzjonijiet kostali;

Or. en

Emenda 285
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7f. Itenni r-riskji ambjentali u tas-sikurezza serji maħluqa mill-munizzjon

tal-Ewwel u tat-Tieni Gwerra Dinjija li ntrema fil-Baħar Baltiku; ifakkar fir-riżoluzzjoni 2021/2567(RSP) tiegħu u fil-proġetti ta' suċċess CHEMSEA, DAIMON u DAIMON 3; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri koordinati u prattiċi ulterjuri biex isibu, jimmonitorjaw u jneħħu dawn il-materjali perikolużi;

Or. en

Emenda 286
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7g. Jikkundanna bil-qawwa l-preżenza dejjem akbar tal-flotta mistura tar-Russja fil-Baħar Baltiku, b'operazzjonijiet li jevitaw standards regolatorji ewlenin, iżidu r-riskju ta' tixrid taż-żejt u ta' perikli ambjentali oħra; jisħaq fuq il-ħsara potenzjali għall-ekosistemi tal-baħar, is-sajd lokali u s-saħħa tal-bniedem; jappella għal kooperazzjoni reġjonali msaħħa u nfurzar aktar strett biex jiġu mmitigati dawn ir-riskji u jiġu protetti r-riżorsi tal-baħar tal-Baltiku;

Or. en

Emenda 287
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Bidla fil-parir xjentifiku	***Titjib*** fil-parir xjentifiku

Or. en

Emenda 288
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Bidla fil-parir xjentifiku	***Titjib*** fil-parir xjentifiku

Or. en

Emenda 289
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Bidla fil-parir xjentifiku	***Titjib*** fil-parir xjentifiku

Or. en

Emenda 290
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***titlob*** minnufih lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, influwenzat mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li ***jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku*** mar-rekwiżiti ***tal-MSFD***, pereżempju biex jiġu inklużi	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tagħmel*** minnufih ***talba*** lill-ICES ***biex*** jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, influwenzat mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li ***jikkomplementaw aktar ir-talbiet*** mar-rekwiżiti ***f'leġiżlazzjonijiet oħra rilevanti***

indikaturi tal-ħut kbar;	***tas-sajd bħall-MSFD***, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar***, kif ukoll indikaturi tad-distribuzzjoni skont l-età u d-daqs***; ***jistieden ukoll lill-Kummissjoni titlob lill-ICES juża l-punti tad-data msemmija hawn fuq biex jiżviluppa aktar l-immudellar tagħhom ħalli tittejjeb il-kwalità tal-parir għall-irkupru tal-istokk;***

Or. en

Emenda 291
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob minnufih lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, influwenzat mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob minnufih lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, influwenzat mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar***, filwaqt li jinżammu trasparenza u obbligu ta' rendikont sħaħ fil-proċess konsultattiv u jiġi żgurat li kwalunkwe tranżizzjoni lejn mudelli bbażati fuq l-ekosistemi ma tintroduċix inċertezza xjentifika eċċessiva***;

Or. en

Emenda 292
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob ***minnufih*** lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema ***u dwar diversi speċijiet***, influwenzat ***mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar***;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema, influwenzat ***mill-fatturi ta' stress tal-baħar kollha, biex jinftiehmu aħjar il-pressjonijiet tal-ekosistema u jitfasslu aħjar soluzzjonijiet imfassla apposta għall-Baltiku***;

Or. en

Emenda 293
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob ***minnufih*** lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema ***u dwar diversi speċijiet***, influwenzat ***mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar***;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema, influwenzat ***mill-fatturi ta' stress tal-baħar kollha, sabiex jittejjeb il-fehim tal-pressjonijiet tal-ekosistema u jitfasslu aktar soluzzjonijiet effettivi, imfassla apposta għall-Baħar Baltiku***;

Or. en

Emenda 294
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob ***minnufih*** lill-ICES jiżviluppa parir ***ibbażat fuq l-ekosistema*** u dwar diversi speċijiet, influwenzat mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob lill-ICES jiżviluppa parir ***b'diversi aspetti*** u dwar diversi speċijiet, influwenzat mill-bidla ambjentali ***u l-impatt tal-predaturi nattivi fuq l-għadd ta' stokkijiet***, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar;

Or. pl

Emenda 295
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob minnufih lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, ***influwenzat mill-bidla ambjentali***, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob minnufih lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, ***li jirrikonoxxi l-varjabbiltà ambjentali u l-interazzjonijiet bejn l-ispeċijiet***, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar;

Or. en

Emenda 296
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***titlob minnufih*** lill-ICES ***jiżviluppa*** parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, ***influwenzat mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll għal indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar***;	8. ***Jinkoraġġixxi*** lill-Kummissjoni ***tkompli taħdem mal-ICES biex ittejjeb il-parir xjentifiku li jintegra l-fatturi ambjentali u soċjoekonomiċi b'mod ibbilanċjat, u tippromwovi*** parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, ***filwaqt li tiżgura li l-parir jibqa' operattiv, trasparenti u prevedibbli għas-settur***;

Or. en

Emenda 297
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob minnufih lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, influwenzat mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll ***għal*** indikaturi komplementari li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD***, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar***;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob minnufih lill-ICES jiżviluppa parir ibbażat fuq l-ekosistema u dwar diversi speċijiet, influwenzat mill-bidla ambjentali, b'punti ta' referenza bbażati fuq l-ekosistema u l-mortalità mis-sajd aġġustata għall-ekosistema, kif ukoll ***jitlob lill-Kummissjoni tinkludi aktar indikaturi komplementari dwar l-età u d-daqs,*** li jallinjaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku mar-rekwiżiti tal-MSFD, pereżempju biex jiġu inklużi indikaturi tal-ħut kbar;

Or. en

Emenda 298
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jirrimarka li kwalunkwe parir xjentifiku jrid jiġi fformulat b'tali mod li jirrikjedi rakkomandazzjonijiet differenzjati għall-istokkijiet bi status bijoloġiku, struttura tal-età u pressjoni ambjentali differenti; jisħaq li limiti uniformi ma jistgħux jiġu applikati awtomatikament għall-istokkijiet fi stadji ta' rkupru differenti;

Or. pl

Emenda 299
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES għal riżervi ta' prekawzjoni fil-parir xjentifiku u tabolixxi kwalunkwe użu ta' meded ogħla mill-MSY, u għal parir dwar l-istabbiliment ta' "limiti massimi tal-ekosistema" li jillimitaw il-bijomassa totali li tista' titneħħa minn ekosistema;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 300
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES għal riżervi ta' prekawzjoni fil-	***imħassar***

parir xjentifiku u tabolixxi kwalunkwe użu ta' meded ogħla mill-MSY, u għal parir dwar l-istabbiliment ta' "limiti massimi tal-ekosistema" li jillimitaw il-bijomassa totali li tista' titneħħa minn ekosistema;

Or. en

Emenda 301
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES għal riżervi ta' prekawzjoni fil-parir xjentifiku u tabolixxi kwalunkwe użu ta' meded ogħla mill-MSY, u għal parir dwar l-istabbiliment ta' "limiti massimi tal-ekosistema" li jillimitaw il-bijomassa totali li tista' titneħħa minn ekosistema;	***imħassar***

Or. en

Emenda 302
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES għal riżervi ta' prekawzjoni fil-parir xjentifiku u tabolixxi kwalunkwe użu ta' meded ogħla mill-MSY, u għal parir dwar l-istabbiliment ta' "limiti massimi tal-ekosistema" li jillimitaw il-bijomassa totali li tista' titneħħa minn ekosistema;	***imħassar***

Or. en

Emenda 303
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES għal riżervi ta' prekawzjoni fil-parir xjentifiku u tabolixxi kwalunkwe użu ta' meded ogħla mill-MSY, u għal parir dwar l-istabbiliment ta' "limiti massimi tal-ekosistema" li jillimitaw il-bijomassa totali li tista' titneħħa minn ekosistema;	***imħassar***

Or. en

Emenda 304
Asger Christensen, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES għal riżervi ta' prekawzjoni fil-parir xjentifiku u tabolixxi kwalunkwe użu ta' meded ogħla mill-MSY, u għal parir dwar l-istabbiliment ta' "limiti massimi tal-ekosistema" li jillimitaw il-bijomassa totali li tista' titneħħa minn ekosistema;	***imħassar***

Or. en

Emenda 305
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES għal riżervi*** ta' prekawzjoni ***fil-parir xjentifiku u tabolixxi kwalunkwe użu ta' meded ogħla mill-MSY, u għal parir dwar l-istabbiliment ta' "limiti massimi tal-ekosistema" li jillimitaw il-bijomassa totali li tista' titneħħa minn ekosistema***;	9. ***Jappoġġja l-inklużjoni ta' elementi*** ta' prekawzjoni ***xierqa fil-parir tal-ICES meta tkun teżisti inċertezza xjentifika, filwaqt li jiġi evitat tnaqqis riġidu jew awtomatiku li jinjora r-realtajiet soċjoekonomiċi; jisħaq li l-MSY jibqa' għodda essenzjali għal ġestjoni ta' adattament u responsabbli***;

Or. en

Emenda 306
Emma Wiesner, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni titlob ***lill-ICES*** għal riżervi ta' prekawzjoni ***fil-parir xjentifiku u tabolixxi kwalunkwe użu ta'*** meded ogħla mill-MSY, u għal parir dwar l-istabbiliment ta' "limiti massimi tal-ekosistema" li jillimitaw il-bijomassa totali li tista' titneħħa minn ekosistema;	9. Jistieden lill-Kummissjoni titlob ***mill-ICES parir*** għal riżervi ta' prekawzjoni ***u parir dwar il-benefiċċju li ma jintużawx*** meded ogħla mill-MSY, u għal parir dwar l-istabbiliment ta' "limiti massimi tal-ekosistema" li jillimitaw il-bijomassa totali li tista' titneħħa minn ekosistema;

Or. en

Emenda 307
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-valutazzjonijiet tal-istokkijiet	***imħassar***

kollha jużaw il-punti ta' referenza tal-bijomassa MSY, kif rifless fl-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u l-PKS;

Or. en

Emenda 308
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-valutazzjonijiet tal-istokkijiet kollha jużaw il-punti ta' referenza tal-bijomassa MSY, kif rifless fl-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u l-PKS;	***imħassar***

Or. en

Emenda 309
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-valutazzjonijiet tal-istokkijiet kollha jużaw il-punti ta' referenza tal-bijomassa MSY, kif rifless fl-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u l-PKS;	***imħassar***

Or. en

Emenda 310
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni ***tirrikjedi li*** l-valutazzjonijiet tal-istokkijiet kollha ***jużaw il-punti ta' referenza tal-bijomassa*** MSY, kif rifless fl-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u l-PKS;	10. Jistieden lill-Kummissjoni ***tibbaża*** l-valutazzjonijiet tal-istokkijiet kollha ***li jintużaw biex tiġi implimentata l-liġi tal-Unjoni dwar il-bijomassa*** MSY, kif rifless fl-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u l-PKS;

Or. en

Emenda 311
Sofie Eriksson, André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ġestjoni tal-istokkijiet tas-sajd tal-Baħar Baltiku tinkludi b'mod espliċitu miri għar-restawr tad-distribuzzjoni naturali skont id-daqs u l-età fil-popolazzjonijiet, filwaqt li jirrikonoxxu li strutturi demografiċi b'saħħithom huma essenzjali għall-kapaċità riproduttiva, ir-reżiljenza tal-istokk u l-istabbiltà tal-ekosistema; jitlob li jiġu żviluppati indikaturi ta' monitoraġġ u prattiki ta' sajd selettiv li jevitaw it-tneħħija sistematika ta' ħut akbar fl-età u fid-daqs;

Or. en

Emenda 312
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ir-riskji relatati mal-istat attwali tal-ambjent u ż-żieda fl-inċertezza minħabba t-tibdil fil-klima;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 313
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ir-riskji relatati mal-istat attwali tal-ambjent ***u ż-żieda*** fl-inċertezza minħabba t-tibdil fil-klima;	11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku ***mill-ICES*** li ***jqis il-fatturi rilevanti kollha; iqis li dan il-parir għandu*** jenfasizza b'mod ċar***, fost fatturi oħra,*** ir-riskji relatati mal-istat attwali tal-ambjent***, iż-żieda*** fl-inċertezza minħabba t-tibdil fil-klima ***u l-impatt tal-interazzjonijiet bejn l-ispeċijiet u l-popolazzjonijiet tal-predaturi***;

Or. en

Emenda 314
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku ***li jenfasizza b'mod ċar ir-riskji*** relatati mal-istat attwali tal-ambjent u ż-żieda fl-inċertezza minħabba t-tibdil fil-klima;	11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku ***biex tqis, tenfasizza u tirrifletti r-riskji*** relatati ***mal-fatturi ta' stress kollha fuq l-istokkijiet tal-ħut kif ukoll*** mal-istat attwali tal-ambjent u ż-żieda fl-inċertezza minħabba t-tibdil fil-

klima***, meta timplimenta l-liġi tal-Unjoni inkluż ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku***;

Or. en

Emenda 315
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ***ir-riskji relatati mal-istat*** attwali tal-ambjent u ***ż-żieda fl-inċertezza minħabba*** t-tibdil fil-klima;	11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ***l-istat*** attwali tal-ambjent ***u l-impatt tal-fatturi ta' stress ewlenin kollha fil-Baħar Baltiku inklużi t-tniġġis tan-nutrijenti, il-kontaminanti kimiċi, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, l-impatti tal-predaturi u*** t-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 316
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ***ir-riskji relatati mal-istat*** attwali tal-ambjent u ***ż-żieda fl-inċertezza minħabba*** t-tibdil fil-klima;	11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ***l-istat*** attwali tal-ambjent u ***l-impatt tal-fatturi ta' stress ewlenin kollha fil-Baħar Baltiku inklużi t-tniġġis tan-nutrijenti, il-kontaminanti kimiċi, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, l-impatti tal-predaturi u*** t-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 317
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ir-riskji relatati mal-istat attwali tal-ambjent u ż-żieda fl-inċertezza minħabba t-tibdil fil-klima;	11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ir-riskji relatati mal-istat attwali tal-ambjent ***u l-ġestjoni tal-art, inklużi l-agrikoltura u l-forestrija,*** u ż-żieda fl-inċertezza minħabba t-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 318
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ***ir-riskji*** relatati mal-istat attwali tal-ambjent ***u ż-żieda fl-inċertezza minħabba t-tibdil fil-klima***;	11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ***il-fatturi kollha, bħat-tniġġis tan-nutrijenti, il-kontaminanti kimiċi, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mix-xatt, l-impatti tal-predaturi*** relatati mal-istat attwali tal-ambjent;

Or. en

Emenda 319
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ir-	11. Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir xjentifiku li jenfasizza b'mod ċar ir-

riskji relatati mal-istat attwali tal-ambjent u ż-żieda fl-inċertezza minħabba ***t-tibdil fil-klima***;	riskji relatati mal-istat attwali tal-ambjent u ż-żieda fl-inċertezza minħabba ***tibdil fil-kundizzjonijiet ambjentali***;

Or. en

Emenda 320
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jistieden lill-Kummissjoni titlob parir*** xjentifiku ***li jenfasizza b'mod ċar ir-riskji relatati mal-istat attwali tal-ambjent u ż-żieda fl-inċertezza minħabba t-tibdil fil-klima***;	11. ***Jenfasizza li l-parir*** xjentifiku ***futur għandu jidentifika b'mod trasparenti r-riskji ambjentali u soċjoekonomiċi, u jipprovdi komunikazzjoni ċara dwar il-livelli ta' inċertezza biex ikunu jistgħu jingħataw risponsi ta' ġestjoni proporzjonati***;

Or. en

Emenda 321
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza li l-parir xjentifiku pprovdut lil min jieħu d-deċiżjonijiet irid jibqa' kompletament konformi mal-qafas legali tal-leġiżlazzjoni rilevanti u mar-rekwiżiti għal min jieħu d-deċiżjonijiet kif ikkonfermat mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2025;

Or. en

Emenda 322
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni titlob reviżjoni tar-regoli attwali tal-qbid, filwaqt li tirrikonoxxi li dan huwa proċess intern tal-ICES sa fejn jiddependi minn regoli leġiżlattivi ġodda jew interpretazzjoni mibdula tar-regoli eżistenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 323
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni titlob reviżjoni tar-regoli attwali tal-qbid, filwaqt li tirrikonoxxi li dan huwa proċess intern tal-ICES sa fejn jiddependi minn regoli leġiżlattivi ġodda jew interpretazzjoni mibdula tar-regoli eżistenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 324
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni titlob ***reviżjoni tar-regoli*** attwali ***tal-qbid, filwaqt li tirrikonoxxi*** li dan ***huwa proċess intern***	12. Jistieden lill-Kummissjoni titlob ***lill-ICES jirrevedi r-regoli*** attwali ***u l-metodi għall-valutazzjoni tal-istokk, kif***

tal-ICES ***sa fejn jiddependi minn regoli leġiżlattivi ġodda jew interpretazzjoni mibdula tar-regoli eżistenti***;	***ukoll il-proċeduri konsultattivi, b'mod partikolari fid-dawl ta' kundizzjonijiet ambjentali li qed jinbidlu u data xjentifika ġdida; jirrikonoxxi, madankollu,*** li dan ***il-proċess jibqa' r-responsabbiltà interna*** tal-ICES ***u li kwalunkwe aġġornament għandu jkun ibbażat fuq kriterji xjentifiċi indipendenti***;

Or. pl

Emenda 325
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni titlob ***reviżjoni tar-regoli attwali*** tal-qbid, ***filwaqt li tirrikonoxxi li dan huwa proċess intern tal-ICES sa fejn jiddependi minn regoli leġiżlattivi ġodda jew interpretazzjoni mibdula tar-regoli eżistenti***;	12. Jistieden lill-Kummissjoni titlob ***lill-ICES jirrevedi b'mod regolari l-Linji Gwida Tekniċi tiegħu għar-regoli dwar il-kontroll*** tal-qbid, ***inkluż billi jaġġorna dawk eżistenti, filwaqt li jinnota l-importanza li l-ICES juża l-aktar regoli aġġornati, adattati għall-valutazzjonijiet dwar l-istokkijiet speċifiċi li għandhom jitwettqu, sabiex jiġi żgurat l-aħjar prattiku xjentifiku disponibbli għall-istabbiliment tat-TACs***;

Or. en

Emenda 326
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jistieden lill-Kummissjoni titlob reviżjoni*** tar-regoli ***attwali*** tal-qbid, filwaqt li ***tirrikonoxxi*** li dan huwa proċess intern tal-ICES ***sa fejn jiddependi minn regoli***	12. ***Jappoġġja t-titjib kontinwu*** tar-regoli ***dwar il-kontroll*** tal-qbid, filwaqt li ***jiġi żgurat li dawn jibqgħu xjentifikament sodi, prattiċi biex jiġu implimentati u***

leġiżlattivi ġodda jew interpretazzjoni mibdula tar-regoli eżistenti;	***konsistenti mal-qafas legali; jirrikonoxxi*** li dan huwa proċess intern tal-ICES;

Or. en

Emenda 327
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jniedu mmappjar tal-popolazzjoni ġenetika tal-aringa u l-laċċa kaħla, kif ukoll ta' speċijiet oħra sfruttati b'mod kummerċjali, biex itejbu l-kapaċità għal deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza meta jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd u jiddeċiedu dwar miżuri tekniċi;

Or. en

Emenda 328
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi anness li jkun fih kriterji korretti tal-età u d-daqs għall-istokkijiet ikkonċernati; tali anness se jgħin biex jiġu integrati l-kriterji D3C3 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar is-sajd;

Or. en

Emenda 329
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES jiżviluppa nota ta' gwida għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni dwar kif għandhom jinterpretaw il-parir xjentifiku sabiex ikunu konformi mal-approċċ tal-ekosistema u mal-approċċ ta' prekawzjoni, filwaqt li jibnu mill-ġdid ir-reżiljenza tal-Baħar Baltiku;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 330
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES jiżviluppa nota ta' gwida għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni dwar kif għandhom jinterpretaw il-parir xjentifiku sabiex ikunu konformi mal-approċċ tal-ekosistema u mal-approċċ ta' prekawzjoni, filwaqt li jibnu mill-ġdid ir-reżiljenza tal-Baħar Baltiku;	***imħassar***

Or. en

Emenda 331
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES jiżviluppa nota ta' gwida għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni dwar kif għandhom jinterpretaw il-parir xjentifiku sabiex ikunu konformi mal-approċċ tal-ekosistema u mal-approċċ ta' prekawzjoni, filwaqt li jibnu mill-ġdid ir-reżiljenza tal-Baħar Baltiku;	***imħassar***

Or. en

Emenda 332
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES jiżviluppa nota ta' gwida għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni dwar kif għandhom jinterpretaw il-parir xjentifiku sabiex ikunu konformi mal-approċċ tal-ekosistema u mal-approċċ ta' prekawzjoni, filwaqt li jibnu mill-ġdid ir-reżiljenza tal-Baħar Baltiku;	***imħassar***

Or. en

Emenda 333
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES ***jiżviluppa nota ta'*** gwida ***għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni dwar kif għandhom jinterpretaw il-parir xjentifiku sabiex ikunu*** konformi mal-	13. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES ***jagħti*** gwida ***ulterjuri fil-parir xjentifiku tiegħu sabiex tinġieb ċarezza ulterjuri dwar kif għandu jiġi interpretat il-parir sabiex ikun*** konformi mal-approċċ

approċċ tal-ekosistema u mal-approċċ ta' prekawzjoni***, filwaqt li jibnu*** mill-ġdid ir-reżiljenza tal-Baħar Baltiku;	tal-ekosistema u mal-approċċ ta' prekawzjoni***; jenfasizza li qari u interpretazzjoni korretti tal-parir xjentifiku huma kruċjali biex tinbena*** mill-ġdid ***b'mod effettiv*** ir-reżiljenza tal-Baħar Baltiku;

Or. en

Emenda 334
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES ***jiżviluppa nota ta' gwida għall-Istati*** Membri ***u għall-Kummissjoni*** dwar kif għandhom jinterpretaw il-parir xjentifiku ***sabiex ikunu konformi mal-approċċ tal-ekosistema u mal-approċċ ta' prekawzjoni, filwaqt li jibnu mill-ġdid ir-reżiljenza*** tal-Baħar Baltiku;	13. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES ***jipprovdi parir ċar u newtrali lill-Istati*** Membri dwar kif għandhom jinterpretaw il-parir xjentifiku ***u l-valutazzjonijiet tal-istokkijiet, filwaqt li jappoġġjaw il-ġestjoni bbażata fuq l-ekosistema tal-istokkijiet tal-ħut*** tal-Baħar Baltiku;

Or. en

Emenda 335
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ICES ifassal analiżi dettaljata tal-limiti eżistenti tal-approċċ attwali għall-parir xjentifiku, filwaqt li jenfasizza meta l-livelli tal-qbid issuġġeriti ma jirriflettux bis-sħiħ ir-rekwiżiti legali u l-objettivi ta' politika rilevanti, kif ukoll jipprovdi pjan direzzjonali ċar biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet attwali u jipprovdi

rakkomandazzjonijiet interim dwar kif il-parir disponibbli bħalissa dwar l-opportunitajiet tas-sajd jista' jintuża b'mod prekawzjonarju biżżejjed biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti u l-objettivi rilevanti kollha;

Or. en

Emenda 336
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel it-talbiet kollha tagħha għal parir xjentifiku mill-ICES disponibbli għall-pubbliku;

Or. en

Emenda 337
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tiżviluppa regoli ċari u trasparenti għall-istabbiliment tat-TACs, allinjati mill-qrib mal-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u skont parir ġdid dwar diversi speċijiet ibbażat fuq l-ekosistema; jitlob lill-Kunsill jippubblika rapporti annwali li jispjegaw u jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra, sabiex il-proċedura tal-istabbiliment tat-TACs u d-diskussjonijiet tal-BALTFISH isiru miftuħa u trasparenti għall-pubbliku	***imħassar***

ġenerali u biex l-Istati Membri jagħtu kont tad-deċiżjonijiet tagħhom;

Or. pl

Emenda 338
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tiżviluppa regoli ċari u trasparenti għall-istabbiliment tat-TACs, allinjati mill-qrib mal-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u skont parir ġdid dwar diversi speċijiet ibbażat fuq l-ekosistema; jitlob lill-Kunsill jippubblika rapporti annwali li jispjegaw u jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra, sabiex il-proċedura tal-istabbiliment tat-TACs u d-diskussjonijiet tal-BALTFISH isiru miftuħa u trasparenti għall-pubbliku ġenerali u biex l-Istati Membri jagħtu kont tad-deċiżjonijiet tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 339
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni ***tikkunsidra li tiżviluppa regoli ċari u trasparenti għall-istabbiliment*** tat-TACs, ***allinjati mill-qrib mal-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u skont parir ġdid dwar diversi speċijiet***	14. ***Jinkoraġġixxi*** lill-Kummissjoni ***u lill-Kunsill jiżguraw li l-istabbiliment*** tat-TACs ***jibqa'*** trasparenti ***u bbażat fuq xjenza soda***;

ibbażat fuq l-ekosistema; jitlob lill-Kunsill jippubblika rapporti annwali li jispjegaw u jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra, sabiex il-proċedura tal-istabbiliment tat-TACs u d-diskussjonijiet tal-BALTFISH isiru miftuħa u trasparenti ***għall-pubbliku ġenerali u biex l-Istati Membri jagħtu kont tad-deċiżjonijiet tagħhom;***

Or. en

Emenda 340
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra ***li tiżviluppa regoli ċari u trasparenti*** għall-istabbiliment tat-TACs, ***allinjati mill-qrib mal-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u skont*** parir ġdid ***dwar diversi speċijiet*** ibbażat fuq l-ekosistema; ***jitlob lill-Kunsill jippubblika rapporti annwali li jispjegaw u jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra, sabiex il-proċedura tal-istabbiliment tat-TACs u d-diskussjonijiet tal-BALTFISH isiru miftuħa u trasparenti għall-pubbliku ġenerali u biex l-Istati Membri jagħtu kont tad-deċiżjonijiet tagħhom;***	14. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra ***r-regoli u l-proċeduri*** għall-istabbiliment tat-TACs, ***kif ukoll l-iżvilupp ta'*** parir ġdid ibbażat fuq l-ekosistema***, fir-rieżami li għaddej bħalissa tal-Politika Komuni tas-Sajd, u tiżgura l-applikazzjoni koerenti tagħhom fil-pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku***;

Or. en

Emenda 341
Proposta għal regolament

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tiżviluppa regoli ċari u trasparenti għall-istabbiliment tat-TACs, allinjati mill-qrib mal-objettivi tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u skont parir ġdid dwar diversi speċijiet ibbażat fuq l-ekosistema;*** jitlob lill-Kunsill jippubblika rapporti annwali li jispjegaw u jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra, sabiex ***il-proċedura tal-istabbiliment*** tat-TACs ***u d-diskussjonijiet tal-BALTFISH isiru miftuħa*** u trasparenti għall-pubbliku ġenerali u biex l-Istati Membri jagħtu kont tad-deċiżjonijiet tagħhom;	14. Jitlob lill-Kunsill jippubblika rapporti annwali li jispjegaw u jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra, sabiex ***l-istabbiliment*** tat-TACs ***isir miftuħ*** u trasparenti għall-pubbliku ġenerali u biex l-Istati Membri jagħtu kont tad-deċiżjonijiet tagħhom; ***jenfasizza l-ħtieġa f'dan ir-rigward li d-diskussjonijiet fil-BALTFISH ikunu aktar trasparenti u miftuħa;***

Or. en

Emenda 342
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-ambitu tal-MAP biex jinkludi l-effetti ekosistemiċi tas-sajd tal-aringa, tal-laċċa kaħla u tal-bakkaljaw fuq l-istokkijiet l-oħra kollha, inkluż is-salamun, u tinkludi b'mod espliċitu s-salamun tal-Atlantiku bħala speċi fir-Regolament (UE) 2016/1139 (il-MAP tal-Baltiku), l-Artikolu 6, il-Premessa (8) u l-Premessa (10);

Or. en

Emenda 343
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità lil miżuri preventivi, mhux letali u lokalment immirati, u jiżguraw monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati biex jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi;	15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità lil miżuri preventivi, mhux letali u lokalment immirati, u jiżguraw monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati biex jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi; ***jenfasizza li matul konsultazzjoni pubblika organizzata mill-Kummissjoni, 94 % tar-rispondenti indikaw li huma kontra jew kontra ħafna l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti siġillati, u li jirrifjutawha bħala miżura għall-ġestjoni tas-sajd, u 89 % indikaw li l-kaċċa għall-foki tqajjem tħassib morali sinifikanti; jenfasizza r-riċerka xjentifika li tindika li ż-żieda fil-kwoti annwali għall-kaċċa, flimkien mad-degradazzjoni ambjentali u s-sajd eċċessiv, jistgħu jwasslu għal kollass fil-popolazzjoni tal-foka griża tal-Baltiku; jistieden lill-Kummissjoni żżomm u ssaħħaħ il-miżuri għall-protezzjoni tal-foki, l-għasafar tal-baħar u l-mammiferi tal-baħar kontra theddid bħas-sajd eċċessiv, il-kaċċa, l-isfruttament u attivitajiet ta' ħsara oħra;***

Or. en

Emenda 344
Emma Wiesner, Asger Christensen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità ***lil miżuri***	15. ***Jinnota n-nuqqas ta' mudelli bbażati fuq l-ekosistema li jintegraw l-interazzjonijiet bejn l-ispeċijiet u l-indikaturi ambjentali bħall-impatti tal-***

preventivi, mhux letali u lokalment immirati, u jiżguraw monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati biex ***jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi***;

predaturi u l-ewtrofikazzjoni; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jitolbu parir xjentifiku ulterjuri f'dan ir-rigward sabiex dawn id-dimensjonijiet tal-ekosistema jkunu jistgħu jitqiesu aktar fir-rigward tal-miżuri meħtieġa għall-irkupru tal-Baħar Baltiku; jistieden ***ukoll*** lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità ***lill-adozzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni effettivi għall-predaturi bħall-margun u l-foka; jenfasizza l-ħtieġa li l-miżuri jkunu mmirati*** lokalment ***u stabbiliti lokalment, flimkien ma'*** monitoraġġ ***adegwat***, finanzjament ***iddedikat u adegwat*** u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex ***tiġi żgurata l-effettività tagħhom; jindika l-ħtieġa ta' Pjan ta' Ġestjoni għall-Margun madwar l-UE f'dan ir-rigward***;

Or. en

Emenda 345
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Riho Terras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ***jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità lil*** miżuri preventivi***, mhux letali u lokalment immirati, u jiżguraw monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati*** biex ***jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi***;	15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ***jindirizzaw il-problema tal-popolazzjoni eċċessiva tal-foki u tal-marguni fil-baħar Baltiku permezz ta' approċċ ibbażat fuq data xjentifika, li jinkludi mhux biss*** miżuri preventivi ***u lokalizzati iżda wkoll il-kontroll tal-popolazzjoni permezz tal-kaċċa sostenibbli awtorizzata; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi permessa l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mill-foki kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha,*** biex ***titħeġġeġ il-ġestjoni attiva u effettiva ta' din l-ispeċi u jitnaqqas l-impatt tagħha***

fuq l-istokkijiet tal-ħut;

Or. es

Emenda 346
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ***ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità lil*** miżuri ***preventivi, mhux letali u lokalment immirati, u jiżguraw*** monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ***adegwati biex jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi***;	15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ***evidenza xjentifika soda, u jagħtu prijorità lill-adozzjoni ta'*** miżuri ***ta' ġestjoni effettivi għall-foki u l-marguni, f'konformità mat-talbiet ripetuti minn diversi Stati Membri tal-Baltiku; jitlob ukoll*** monitoraġġ ***adegwat***, finanzjament ***iddedikat*** u kooperazzjoni ***msaħħa*** mal-partijiet ikkonċernati ***biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri***;

Or. en

Emenda 347
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità ***lil*** miżuri ***preventivi, mhux letali u lokalment immirati, u jiżguraw*** monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ***adegwati biex jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi***;	15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità ***lill-adozzjoni ta'*** miżuri ***ta' ġestjoni effettivi għall-foki u l-marguni, f'konformità mat-talbiet ripetuti minn diversi Stati Membri Baltiċi*** u jiżguraw monitoraġġ ***adegwat***, finanzjament ***iddedikat*** u kooperazzjoni

mal-partijiet ikkonċernati ***għal dawn il-miżuri***;

Or. en

Emenda 348
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, ***filwaqt li jagħtu prijorità lil miżuri preventivi, mhux letali u lokalment immirati, u jiżguraw*** monitoraġġ***, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati biex jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi***;	15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, ***inkluż permezz ta' ġestjoni mmirata tal-popolazzjonijiet tal-predaturi meta jkun meħtieġ biex jiġi protett is-sajd sostenibbli u jinbnew mill-ġdid l-istokkijiet tal-ħut, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali u r-rekwiżiti ta'*** monitoraġġ;

Or. en

Emenda 349
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni ***naturali*** fuq ix-xjenza***, filwaqt li jagħtu prijorità lil miżuri preventivi, mhux letali u lokalment immirati,*** u jiżguraw monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati biex jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi;	15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni fuq ix-xjenza u jiżguraw monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati biex jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi ***u, bħala kwistjoni ta' urġenza, ifasslu pjan ta' ġestjoni effettiv madwar l-UE għall-marguni***;

Or. en

Emenda 350
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ***jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità lil miżuri preventivi, mhux letali u lokalment immirati, u jiżguraw monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati biex*** jimplimentaw ***prattiki ta' mitigazzjoni effettivi***;	15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ***jiżviluppaw u*** jimplimentaw ***pjan komprensiv għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet tal-ħut, inklużi miżuri għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-għadd ta' predaturi naturali, li t-tkabbir eċċessiv tagħhom qed ipoġġi pressjoni sinifikanti fuq l-istokkijiet tal-ħut u qed jagħmel ħsara lis-saħħa u l-kapaċità tagħhom li jirkupraw***;

Or. pl

Emenda 351
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità lil miżuri preventivi***, *mhux letali*** u lokalment immirati, u jiżguraw monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati biex jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi;	15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jibbażaw kwalunkwe approċċ għall-predazzjoni naturali fuq ix-xjenza, filwaqt li jagħtu prijorità lil miżuri preventivi u lokalment immirati, u jiżguraw monitoraġġ, finanzjament u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati adegwati biex jimplimentaw prattiki ta' mitigazzjoni effettivi;

Or. en

Emenda 352
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jissottolinja l-importanza li l-ġestjoni tas-sajd tkun ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli possibbli u r-rwol kruċjali tal-ICES biex tiġi żgurata l-koerenza xjentifika; jiddeplora kwalunkwe tentattiv biex tiġi mminata l-indipendenza tal-ICES; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti għall-ICES sabiex ikompli jtejjeb il-parir tiegħu;

Or. en

Emenda 353
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jissottolinja l-importanza li l-ġestjoni tas-sajd tkun ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli possibbli u r-rwol kruċjali tal-ICES biex tiġi żgurata l-koerenza xjentifika; jiddeplora kwalunkwe tentattiv biex tiġi mminata l-indipendenza tal-ICES; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti għall-ICES sabiex ikompli jtejjeb il-parir tiegħu;

Or. en

Emenda 354
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jitlob sforzi konġunti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex jiżviluppaw ir-riċerka xjentifika u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar modi sikuri u kosteffettivi ħalli jiġu identifikati u jitneħħew il-munizzjon u l-ordinanza mhux sploduta mill-qiegħ il-baħar;

Or. en

Emenda 355
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Riho Terras, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jilqa' l-evalwazzjoni li għaddejja mill-Kummissjoni dwar ir-reġim tal-Unjoni Ewropea rigward il-foki u l-impatt tiegħu fuq l-approċċi attwali ta' ġestjoni;

Or. es

Emenda 356
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tar-regolament tal-UE dwar il-kontroll tas-sajd, inkluż billi jindirizzaw ir-rapportar ħażin tal-qabdiet fir-reġjun;

Or. en

Emenda 357
Niclas Herbst, Sofie Eriksson, Emma Wiesner, Jessica Polfjärd, Isabelle Le Callennec, Magdalena Adamowicz, Karin Karlsbro, Asger Christensen, André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tieħu azzjoni fuq il-pressjonijiet eżerċitati mill-popolazzjonijiet tal-margun fuq l-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, filwaqt li tiżgura li l-miżuri jkunu proporzjonati, adattati għar-reġjun, u implimentati permezz ta' interventi effettivi, immirati, u mfassla apposta lokalment abbażi tal-aħjar data xjentifika disponibbli, filwaqt li tappoġġja s-sostenibbiltà tas-sajd lokali;

Or. en

Emenda 358
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw id-definizzjoni tal-UNEP ta' ġestjoni bbażata fuq l-ekosistema bil-fehim ta' eksosistema li tiffunzjona kif innotat fl-MSFD;

Or. en

Emenda 359
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku ***biex tinkludi punti ta' referenza tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità ambjentali u li jipprovdi salvagwardji li jillimitaw pariri ottimisti żżejjed dwar stokk uniku; jisħaq li r-reviżjoni tinkludi mekkaniżmi ta' rispons ambjentali li jiskattaw azzjoni ta' ġestjoni li tirrikjedi pressjoni tas-sajd imnaqqsa fl-istokkijiet kollha biex tiġi protetta x-xibka alimentari kollha jekk l-ERPs ikunu qed jindikaw tnaqqis ġenerali fil-produttività tal-ekosistema***;	16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku***, b'mod partikolari billi tneħħi r-regola ta' 5 % fl-Artikolu 4(6)***;

Or. en

Emenda 360
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku biex ***tinkludi*** punti ta' referenza tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità ambjentali u li jipprovdi salvagwardji li jillimitaw pariri ottimisti żżejjed dwar stokk uniku; jisħaq li r-reviżjoni tinkludi mekkaniżmi ta' rispons ambjentali ***li jiskattaw*** azzjoni ta' ġestjoni ***li tirrikjedi*** pressjoni tas-sajd imnaqqsa fl-	16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku biex ***tindirizza n-nuqqasijiet attwali tar-Regolament fl-ilħuq tal-objettivi komprensivi tiegħu; jitlob f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni tqis li tiżviluppa aktar ir-regoli għall-istabbiliment tat-TAC, billi tibbaża d-deċiżjonijiet fuq parir ġdid dwar diversi speċijiet ibbażat fuq l-ekosistema, sabiex tittejjeb it-trasparenza u jiġi żgurat aħjar l-ilħuq tal-objettivi fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku; jitlob ukoll li jiġu***

istokkijiet kollha biex tiġi protetta x-xibka alimentari kollha ***jekk l-ERPs ikunu qed jindikaw tnaqqis ġenerali fil-produttività tal-ekosistema***;	***inkluż*** punti ta' referenza tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità ambjentali u li jipprovdi salvagwardji li jillimitaw pariri ottimisti żżejjed dwar stokk uniku; jisħaq li r-reviżjoni ***għandha*** tinkludi ***wkoll*** mekkaniżmi ta' rispons ambjentali***, skattati minn ERPs li jilħqu tali livelli li jirrikjedu*** azzjoni ta' ġestjoni***, inkluża*** pressjoni tas-sajd imnaqqsa fl-istokkijiet ***rilevanti*** kollha biex tiġi protetta x-xibka alimentari kollha;
	Or. en

Emenda 361
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku biex tinkludi punti ta' referenza tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità ambjentali ***u li jipprovdi salvagwardji li jillimitaw pariri ottimisti żżejjed dwar stokk uniku***; ***jisħaq li r-reviżjoni tinkludi mekkaniżmi ta' rispons ambjentali li jiskattaw azzjoni ta' ġestjoni li tirrikjedi pressjoni tas-sajd imnaqqsa fl-istokkijiet kollha biex tiġi protetta x-xibka alimentari kollha jekk l-ERPs ikunu qed jindikaw tnaqqis ġenerali fil-produttività tal-ekosistema;***	16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku biex tinkludi punti ta' referenza tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità ambjentali;
	Or. pl

Emenda 362
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku biex ***tinkludi punti ta' referenza tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità ambjentali u li jipprovdi salvagwardji li jillimitaw pariri ottimisti żżejjed dwar stokk uniku; jisħaq li r-reviżjoni tinkludi mekkaniżmi ta' rispons ambjentali li jiskattaw azzjoni ta' ġestjoni li tirrikjedi pressjoni tas-sajd imnaqqsa fl-istokkijiet kollha biex tiġi protetta x-xibka alimentari kollha jekk l-ERPs ikunu qed jindikaw tnaqqis ġenerali fil-produttività tal-ekosistema;***	16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda ***b'mod urġenti*** reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku ***biex tingħeleb l-inċertezza legali rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4.6 fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku***;

Or. en

Emenda 363
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku ***biex tinkludi punti ta' referenza tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità ambjentali u li jipprovdi salvagwardji li jillimitaw pariri ottimisti żżejjed dwar stokk uniku***; ***jisħaq li r-reviżjoni tinkludi mekkaniżmi ta' rispons***	16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku***, b'mod partikolari bil-għan li tneħħi r-regola ta' 5 %, li tistipula li l-opportunitajiet tas-sajd għandhom, fi kwalunkwe każ, jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li jkun hemm probabbiltà ta' anqas minn 5 % li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv taqa' taħt il-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa (Blim)***;

ambjentali li jiskattaw azzjoni ta' ġestjoni li tirrikjedi pressjoni tas-sajd imnaqqsa fl-istokkijiet kollha biex tiġi protetta x-xibka alimentari kollha jekk l-ERPs ikunu qed jindikaw tnaqqis ġenerali fil-produttività tal-ekosistema;

Or. en

Emenda 364
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku biex tinkludi punti ta' referenza tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità ambjentali u li jipprovdi salvagwardji li jillimitaw pariri ottimisti żżejjed dwar stokk uniku; jisħaq li r-reviżjoni tinkludi mekkaniżmi ta' rispons ambjentali li jiskattaw azzjoni ta' ġestjoni li tirrikjedi pressjoni tas-sajd imnaqqsa fl-istokkijiet kollha biex tiġi protetta x-xibka alimentari kollha jekk l-ERPs ikunu qed jindikaw tnaqqis ġenerali fil-produttività tal-ekosistema;	16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku biex tinkludi punti ta' referenza tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità ambjentali u li jipprovdi salvagwardji li jillimitaw pariri ottimisti żżejjed dwar stokk uniku; jisħaq li r-reviżjoni tinkludi mekkaniżmi ta' rispons ambjentali li jiskattaw azzjoni ta' ġestjoni li tirrikjedi pressjoni tas-sajd imnaqqsa fl-istokkijiet kollha biex tiġi protetta x-xibka alimentari kollha jekk l-ERPs ikunu qed jindikaw tnaqqis ġenerali fil-produttività tal-ekosistema; ***jistieden lill-Kummissjoni, meta jkun xieraq, ma tittrasponix sistematikament il-miżuri previsti fi pjanijiet pluriennali oħra fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dan il-baċir marittimu;***

Or. fr

Emenda 365
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tibda reviżjoni tar-Regolament*** dwar l-MAP tal-Baltiku ***biex tinkludi*** punti ta' referenza ***tal-ekosistema (ERPs) li jiddefinixxu "spazju operattiv sikur" li jintegra l-produttività, ir-relazzjonijiet trofiċi, il-bijodiversità, l-impatti fuq il-ħabitats u l-kapaċità*** ambjentali***u li jipprovdi salvagwardji li jillimitaw pariri ottimisti żżejjed dwar stokk uniku***; jisħaq ***li r-reviżjoni tinkludi mekkaniżmi ta' rispons ambjentali li jiskattaw azzjoni ta' ġestjoni li tirrikjedi pressjoni tas-sajd imnaqqsa fl-istokkijiet kollha biex tiġi protetta x-xibka alimentari kollha jekk l-ERPs ikunu qed jindikaw tnaqqis ġenerali fil-produttività tal-ekosistema***;	16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tevalwa ***r-Regolament*** dwar l-MAP tal-Baltiku ***bil-għan li ttejjeb iċ-ċarezza, il-koerenza u l-applikazzjoni prattika tiegħu, inkluż l-użu ta'*** punti ta' referenza ***u indikaturi li jirriflettu kemm l-objettivi*** ambjentali ***kif ukoll dawk soċjoekonomiċi***; jisħaq ***fuq l-importanza li jiġi żgurat li kwalunkwe aġġustament futur tal-qafas jibqa' sempliċi, ibbażat fuq ix-xjenza u li jista' jinħadem għas-settur***;

Or. en

Emenda 366
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, tivvaluta u, meta jkun meħtieġ, tipproponi li tinkludi l-istokkijiet tas-salamun u tat-trota bħala stokkijiet speċifiċi li għandhom jiġu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament fir-rigward tal-qabdiet aċċessorji;

Or. en

Emenda 367

Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq grupp għall-ġestjoni tal-ekosistema tal-Baħar Baltiku li jintegra l-għarfien espert tal-HELCOM u tal-ICES, u tistabbilixxi pjattaforma konsultattiva permanenti għall-partijiet ikkonċernati li tikkonsisti primarjament minn atturi lokali fil-komunitajiet kostali bħas-sajjieda kummerċjali, is-sajjieda rikreattivi, il-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-awtoritajiet lokali, biex jipprovdu kontribut għad-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 368
Emma Wiesner, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Kummissjoni ***toħloq grupp għall-ġestjoni tal-ekosistema*** tal-Baħar Baltiku ***li jintegra*** l-għarfien espert tal-HELCOM u tal-ICES, u ***tistabbilixxi pjattaforma konsultattiva permanenti għall-partijiet*** ikkonċernati ***li tikkonsisti primarjament minn atturi*** lokali fil-komunitajiet kostali bħas-sajjieda kummerċjali, is-sajjieda rikreattivi, il-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-awtoritajiet lokali, biex jipprovdu kontribut ***għad-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra***;	17. Jistieden lill-Kummissjoni ***tipproponi fori aktar strutturati għall-kooperazzjoni reġjonali fiż-żona*** tal-Baħar Baltiku***, filwaqt li tintegra aktar*** l-għarfien espert tal-HELCOM u tal-ICES, u ***tiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment konsistenti u permanenti tal-partijiet*** ikkonċernati***, b'mod speċjali tal-atturi*** lokali fil-komunitajiet kostali bħas-sajjieda kummerċjali ***u l-organizzazzjonijiet tagħhom***, is-sajjieda rikreattivi, il-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-awtoritajiet lokali, biex jipprovdu kontribut ***għall-miżuri kolla rilevanti għall-ġestjoni***

tas-sajd;

Or. en

Emenda 369
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jistieden lill-Kummissjoni toħloq grupp għall-ġestjoni tal-ekosistema*** tal-Baħar Baltiku ***li jintegra l-għarfien espert tal-HELCOM u tal-ICES, u tistabbilixxi pjattaforma konsultattiva permanenti għall-partijiet ikkonċernati li tikkonsisti primarjament minn atturi lokali fil-komunitajiet*** kostali ***bħas-sajjieda kummerċjali, is-sajjieda rikreattivi, il-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-awtoritajiet lokali, biex jipprovdu kontribut għad-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra***;	17. ***Jisħaq li l-ġestjoni effettiva*** tal-Baħar Baltiku ***trid tibni fuq il-fiduċja u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, u s-settur tas-sajd u x-xjenzati; jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni u d-djalogu reġjonali volontarji fost il-komunitajiet*** kostali***, l-industrija u l-amministrazzjonijiet biex jiġu promossi soluzzjonijiet prattiċi u l-iskambju tal-għarfien***;

Or. en

Emenda 370
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq grupp għall-ġestjoni tal-ekosistema tal-Baħar Baltiku li jintegra l-għarfien espert tal-HELCOM u tal-ICES, u tistabbilixxi pjattaforma konsultattiva permanenti għall-partijiet ikkonċernati ***li tikkonsisti primarjament minn atturi lokali fil-komunitajiet kostali bħas-sajjieda***	17. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq grupp għall-ġestjoni tal-ekosistema tal-Baħar Baltiku li jintegra l-għarfien espert tal-HELCOM u tal-ICES, u tistabbilixxi pjattaforma konsultattiva permanenti għall-partijiet ikkonċernati ***li tiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet nazzjonali,*** l-

kummerċjali, is-sajjieda rikreattivi, il-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu, l-organizzazzjonijiet ***mhux governattivi u l-awtoritajiet lokali,*** biex jipprovdu kontribut għad-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra;	organizzazzjonijiet ***tal-produtturi u tas-sajjieda fuq skala żgħira flimkien mal-NGOs*** biex jipprovdu kontribut għad-deċiżjonijiet dwar it-TACs u miżuri oħra;

Or. en

Emenda 371
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq li l-grupp ta' ġestjoni tal-ekosistema tal-Baħar Baltiku għandu jinkludi rappreżentanza formali tas-sajjieda fuq skala żgħira u tal-organizzazzjonijiet kostali fil-komunità, filwaqt li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tagħhom fil-konsultazzjonijiet dwar it-TAC u l-pjanijiet ta' rkupru;

Or. en

Emenda 372
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara u tistabbilixxi regoli għal livelli aċċettabbli ta' riskju u skedi ta' żmien rigward l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet, ir-restawr tan-natura u ż-żamma ta' ekosistemi b'saħħithom;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 373
Proposta għal regolament

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara u tistabbilixxi*** regoli għal livelli aċċettabbli ta' riskju u skedi ta' żmien rigward ***l-impenji għall-bini*** mill-ġdid ***tal-istokkijiet, ir-restawr tan-natura*** u ***ż-żamma ta'*** ekosistemi b'saħħithom;	18. ***Jitlob li jiġu inklużi*** regoli ***aktar ċari*** għal livelli aċċettabbli ta' riskju u skedi ta' żmien rigward ***l-obbligi legali definiti fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, b'mod speċjali fir-rigward tal-ilħuq tal-objettivi komprensivi tiegħu; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm aktar ċarezza fuq l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi ambjentali fl-Unjoni sabiex jinbnew*** mill-ġdid ***l-istokkijiet, jiġu ġestiti l-popolazzjonijiet tal-predaturi, tiġi rrestawrata n-natura*** u ***jinżammu*** ekosistemi b'saħħithom;

Or. en

Emenda 374
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara u tistabbilixxi regoli għal livelli aċċettabbli ta' riskju u skedi ta' żmien rigward l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet, ir-restawr tan-natura u ż-żamma ta' ekosistemi b'saħħithom***;	18. ***Jitlob approċċ realistiku, adattat għar-reġjun għall-ġestjoni tar-riskju li jibbilanċja s-sostenibbiltà ambjentali mal-istabbiltà soċjoekonomika; jenfasizza li l-miri u l-iskedi taż-żmien għall-bini mill-ġdid iridu jibqgħu jistgħu jintlaħqu għall-operaturi u kompatibbli maż-żamma ta' attività tas-sajd u ktajjen tal-provvista tal-ikel vijabbli***;

Or. en

Emenda 375
Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara u tistabbilixxi regoli għal livelli aċċettabbli ta' riskju u skedi ta' żmien rigward l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet, ir-restawr tan-natura u ż-żamma ta' ekosistemi b'saħħithom;	18. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara u tistabbilixxi regoli għal livelli aċċettabbli ta' riskju u skedi ta' żmien rigward l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet, ir-restawr tan-natura u ż-żamma ta' ekosistemi b'saħħithom***, filwaqt li dejjem tqis l-impatt soċjoekonomiku tagħhom***;

Or. es

Emenda 376
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara ***u tistabbilixxi regoli għal*** livelli aċċettabbli ta' riskju u skedi ta' żmien rigward l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet***, ir-restawr tan-natura u ż-żamma ta' ekosistemi b'saħħithom***;	18. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara livelli aċċettabbli ta' riskju u skedi ta' żmien rigward l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet ***tal-ħut***;

Or. en

Emenda 377
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiċċara u tistabbilixxi regoli għal livelli aċċettabbli***	18. Jistieden lill-Kummissjoni ***tinforma dwar ir-riskji*** u ***l-iskedi*** ta' żmien rigward

ta' riskju u ***skedi*** ta' żmien rigward l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet, ir-restawr tan-natura u ż-żamma ta' ekosistemi b'saħħithom;	l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet, ***il-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tal-predaturi,*** ir-restawr tan-natura***, il-ġestjoni tal-ippjanar spazjali,*** u ż-żamma ta' ekosistemi b'saħħithom;

Or. en

Emenda 378
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiċċara u tistabbilixxi regoli għal livelli aċċettabbli ta' riskju*** u ***skedi*** ta' żmien rigward l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet, ir-restawr tan-natura u ż-żamma ta' ekosistemi b'saħħithom;	18. Jistieden lill-Kummissjoni ***tinforma dwar ir-riskji*** u ***l-iskedi*** ta' żmien rigward l-impenji għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet, ***il-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tal-predaturi,*** ir-restawr tan-natura***, il-ġestjoni tal-ippjanar spazjali*** u ż-żamma ta' ekosistemi b'saħħithom;

Or. en

Emenda 379
Magdalena Adamowicz, Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq fuq l-importanza li jittejjeb il-ġbir tad-data, b'mod partikolari għall-ispeċijiet bħall-bakkaljaw, u jitlob li jiġu inklużi sorsi alternattivi ta' data, bħall-popolazzjonijiet tal-predaturi, biex jingħalqu l-lakuni eżistenti fl-għarfien; jenfasizza l-ħtieġa ta' fehim aktar ċar dwar l-impatt tal-predaturi li jieklu l-ħut, bħall-foki u l-marguni, fuq l-istokkijiet tal-ħut u jħeġġeġ li l-mortalità kkawżata li tiġi inkorporata mill-predaturi fil-mudelli

tal-valutazzjoni tal-istokk biex jittejbu l-preċiżjoni u l-effettività tal-istrateġiji ta' ġestjoni;

Or. en

Emenda 380
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri ta' waqfien temporanju fil-Baħar Baltiku flimkien ma' għodod ta' waqfien permanenti; jinnota li filwaqt li l-miżuri temporanji jindirizzaw it-tħassib ekoloġiku immedjat, l-għodod ta' waqfien permanenti huma mfassla biex jaġġustaw il-kapaċità tas-sajd skont l-opportunitajiet tas-sajd fit-tul; jitlob separazzjoni aktar ċara bejn il-waqfien temporanju u permanenti fl-iskemi ta' appoġġ biex tiġi pprevenuta tbatija bla bżonn għall-komunitajiet kostali li jiddependu mis-sajd sostenibbli;

Or. en

Emenda 381
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jitlob li r-regoli fl-MAP jiġu ċċarati billi jiġi ddikjarat li l-flessibbiltà minn sena għal sena hija pprojbita għall-istokkijiet taħt il-punt ta' referenza ta' konservazzjoni attwali Btrigger tal-MAP;

Or. en

Emenda 382
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-miżuri ta' ġestjoni għas-salamun tal-Atlantiku fil-Baħar Baltiku, filwaqt li tiżgura li jiġu indirizzati kif xieraq l-impatti ekosistemiċi tas-sajd tal-aringa, il-laċċa kaħla u l-bakkaljaw fuq is-salamun; iħeġġeġ titjib fil-monitoraġġ u r-riċerka biex tiġi appoġġjata l-ġestjoni sostenibbli tas-salamun;

Or. en

Emenda 383
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, li jallinjaw lill-UE ma' reġjuni ġestiti aħjar bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 384
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, li jallinjaw lill-UE ma' reġjuni ġestiti aħjar bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 385
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, li jallinjaw lill-UE ma' reġjuni ġestiti aħjar bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 386
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni***,*** ***li*** jallinjaw ***lill-UE*** ma' reġjuni ġestiti aħjar bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti;	19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni ***u jtenni li l-għodda ta' ġestjoni tal-MSY għandha tkun ikkomplementata minn miżuri li qabelxejn jagħmlu distinzjoni bejn il-qabdiet skont id-daqs u l-età***; ***iqis li l-valuri F ta' prekawzjoni għandhom jallinjaw ir-regoli*** tal-UE ma' reġjuni ġestiti aħjar bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 387
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, li jallinjaw lill-UE ma' reġjuni ġestiti aħjar bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti***;	19. ***Jenfasizza li l-ġestjoni tas-sajd fl-UE għandha tkun ibbażata fuq l-esperjenza, ix-xjenza, u r-realtajiet reġjonali Ewropej, mhux fuq mudelli importati minn pajjiżi terzi;***

Or. en

Emenda 388
Emma Wiesner, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Kunsill jikkunsidraw*** regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, ***li jallinjaw lill-UE ma' reġjuni ġestiti aħjar*** bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti;	19. Jistieden lill-Kummissjoni ***tikkunsidra li tippproponi*** regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, ***filwaqt li tispira ruħha mill-prattiki ta' ġestjoni f'reġjuni oħra*** bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 389
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***jikkunsidraw*** regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, li jallinjaw lill-UE ma' reġjuni ġestiti aħjar bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti;	19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***jimplimentaw b'mod urġenti*** regoli legalment vinkolanti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu awtomatikament meta l-istokkijiet jaqgħu taħt il-valuri ta' skattar stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, li jallinjaw lill-UE ma' reġjuni ġestiti aħjar bħal dawk tal-Awstralja, New Zealand, il-Kanada u l-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 390
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-ambitu tal-MAP tal-Baltiku biex jinkludi l-effetti ekosistemiċi tas-sajd tal-aringa, tal-laċċa kaħla u tal-bakkaljaw fuq l-istokkijiet l-oħra kollha, tintroduċi obbligu ta' ħatt l-art għas-salamun tal-Atlantiku u s-sallura, u tinkludi b'mod espliċitu s-salamun tal-Atlantiku bħala speċi li ġew introdotti miżuri għaliha fl-Artikolu 6 tal-MAP;

Or. en

Emenda 391
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra bir-reqqa l-aspetti soċjoekonomiċi meta tivvaluta l-MAP attwali; jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċ ibbilanċjat bejn il-fatturi ambjentali u soċjoekonomiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 2.1 tar-Regolament PKS;

Or. en

Emenda 392
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra bir-reqqa l-aspetti soċjoekonomiċi meta tivvaluta l-MAP

attwali; jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċ ibbilanċjat bejn il-fatturi ambjentali u soċjoekonomiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 2.1 tar-Regolament PKS;

Or. en

Emenda 393
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali f'konformità mal-Artikolu 18 tal-PKS, filwaqt li jiżguraw li l-azzjonijiet ta' ġestjoni jibqgħu proporzjonati;

Or. en

Emenda 394
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel it-talbiet kollha tagħha għal parir xjentifiku mill-ICES disponibbli għall-pubbliku;

Or. en

Emenda 395
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintroduċu mill-ġdid il-projbizzjoni fuq is-sajd għall-konsum mhux mill-bniedem li kienet stabbilita sal-1995, meta l-eċċezzjonijiet oriġinarjament kienu permessi biss "dment li tali sajd ma jinvolvix riskji ta' ħsara ekoloġika irriversibbli";	***imħassar***

Or. pl

Emenda 396
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintroduċu mill-ġdid il-projbizzjoni fuq is-sajd għall-konsum mhux mill-bniedem li kienet stabbilita sal-1995, meta l-eċċezzjonijiet oriġinarjament kienu permessi biss "dment li tali sajd ma jinvolvix riskji ta' ħsara ekoloġika irriversibbli";	***imħassar***

Or. en

Emenda 397
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintroduċu mill-ġdid il-projbizzjoni fuq is-sajd għall-konsum mhux mill-bniedem li kienet stabbilita sal-	***imħassar***

1995, meta l-eċċezzjonijiet oriġinarjament kienu permessi biss "dment li tali sajd ma jinvolvix riskji ta' ħsara ekoloġika irriversibbli";

Or. en

Emenda 398
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintroduċu mill-ġdid il-projbizzjoni fuq is-sajd għall-konsum mhux mill-bniedem li kienet stabbilita sal-1995, meta l-eċċezzjonijiet oriġinarjament kienu permessi biss "dment li tali sajd ma jinvolvix riskji ta' ħsara ekoloġika irriversibbli";	***imħassar***

Or. en

Emenda 399
Asger Christensen, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintroduċu mill-ġdid il-projbizzjoni fuq is-sajd għall-konsum mhux mill-bniedem li kienet stabbilita sal-1995, meta l-eċċezzjonijiet oriġinarjament kienu permessi biss "dment li tali sajd ma jinvolvix riskji ta' ħsara ekoloġika irriversibbli";	***imħassar***

Or. en

Emenda 400
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintroduċu mill-ġdid il-projbizzjoni fuq is-sajd għall-konsum mhux mill-bniedem li kienet stabbilita sal-1995, meta l-eċċezzjonijiet oriġinarjament kienu permessi biss "dment li tali sajd ma jinvolvix riskji ta' ħsara ekoloġika irriversibbli";	***imħassar***

Or. en

Emenda 401
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintroduċu mill-ġdid il-projbizzjoni fuq is-sajd għall-konsum mhux mill-bniedem li kienet stabbilita sal-1995, meta l-eċċezzjonijiet oriġinarjament kienu permessi biss "dment li tali sajd ma jinvolvix riskji ta' ħsara ekoloġika irriversibbli";	***imħassar***

Or. en

Emenda 402
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintroduċu mill-ġdid ***il-projbizzjoni*** fuq is-sajd għall-konsum mhux mill-bniedem li kienet stabbilita sal-1995, meta l-eċċezzjonijiet oriġinarjament kienu permessi biss “dment li tali sajd ma jinvolvix riskji ta’ ħsara ekoloġika irriversibbli”;	19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintroduċu mill-ġdid ***b’mod urġenti l-projbizzjoni*** fuq is-sajd għall-konsum mhux mill-bniedem li kienet stabbilita sal-1995, meta l-eċċezzjonijiet oriġinarjament kienu permessi biss “dment li tali sajd ma jinvolvix riskji ta’ ħsara ekoloġika irriversibbli”;

Or. en

Emenda 403
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miżuri li jiżguraw li l-ħut li jinqabad fil-Baħar Baltiku jintuża primarjament għall-konsum dirett mill-bniedem, b’appoġġ għall-ktajjen tal-provvista tal-ikel lokali;

Or. en

Emenda 404
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u	***imħassar***

kriterji legali;

Or. fr

Emenda 405
Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali;	***imħassar***

Or. es

Emenda 406
Asger Christensen, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 407
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 408
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 409
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u	***imħassar***

fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali;

Or. en

Emenda 410
Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali;	21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti***, b'tali mod li jiġu evitati interruzzjonijiet mhux ġustifikati tal-attività tas-sajd,*** sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali ***korrispondenti***; ***jenfasizza li, bil-ħsieb ta' azzjonijiet futuri, il-koordinazzjoni mal-Istati Membri għandha tissaħħaħ bħala mekkaniżmu għal konsulenza u ppjanar futur;***

Or. es

Emenda 411
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu*** fiż-żoni kostali u baxxi ***u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali***;	21. ***Jisħaq li kwalunkwe moratorju fuq is-sajd*** fiż-żoni kostali u baxxi ***jrid jiġi applikat b'mod li ma jaffettwax l-attivitajiet ta' bastimenti żgħar u ta' daqs medju mmexxija minn familji***; ***jisħaq li kwalunkwe regolament dwar it-tkarkir tal-qiegħ irid jiddistingwi bejn is-sajd***

	tradizzjonali tal-qiegħ u pelaġiku għall-konsum u s-sajd industrijali sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tat-tranżizzjoni ġusta; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li l-PKS tkun immirata lejn l-inkoraġġiment ta' żieda fis-sehem tas-sajd għall-konsum;

Or. pl

Emenda 412
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***jippropona*** moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali;	19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***jikkunsidraw, jekk ikun iġġustifikat b'mod xjentifiku,*** moratorju fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali;

Or. en

Emenda 413
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippropona ***moratorju*** fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti ***sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali***;	19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippropona ***projbizzjoni*** fuq it-tkarkir industrijali u t-twaqqif tat-tkarkir tal-qiegħ kollu fiż-żoni kostali u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti;

Or. en

Emenda 414
Emma Wiesner, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni u ***lill-Kunsill jipproponu moratorju fuq it-tkarkir*** industrijali ***u t-twaqqif tat-tkarkir*** tal-qiegħ ***kollu fiż-żoni*** kostali ***u baxxi u fit-tipi kollha taż-żoni marini protetti sakemm jiġu żviluppati tali regoli u kriterji legali***;	19. Jistieden lill-Kummissjoni u ***lill-Istati Membri jipprojbixxu*** t-tkarkir industrijali ***u pelaġiku kollu fil-Baħar Baltiku, u jinfurzaw projbizzjoni ġenerali fuq it-tkarkir*** tal-qiegħ ***biex jipproteġu qiegħ il-baħar u l-ekosistema tiegħu, filwaqt li jiġu permessi eżenzjonijiet limitati għas-sajd*** kostali ***fuq skala żgħira***;

Or. en

Emenda 415
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq li l-pjan ta' azzjoni (2023/2124(INI)) tal-Parlament Ewropew talab approċċ prammatiku u bbilanċjat għaż-Żoni Marini Protetti (MPAs), filwaqt li rrikonoxxa d-diversità tagħhom f'termini ta' daqs, speċijiet u objettivi ta' konservazzjoni; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi evitat approċċ "kulħadd f'keffa waħda" u jenfasizza li tali politiki jridu jqisu bir-reqqa l-impatt soċjoekonomiku fuq il-komunitajiet kostali, ikunu bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli fuq bażi ta' każ b'każ, u jiżguraw l-involviment attiv tas-sajjieda fit-tfassil u l-ġestjoni tal-MPAs;

Or. en

Emenda 416
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-opportunità unika li tikkombina u ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-politiki relatati mal-baħar u l-ilma permezz ta' Att dwar l-Oċeani legalment vinkolanti;

Or. en

Emenda 417
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jilqa' l-pjanijiet u l-qafas leġiżlattiv tal-Iżvezja biex jitneħħa b'mod gradwali t-tkarkir tal-qiegħ fiż-Żoni Marini Protetti;

Or. en